**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 6 ta Dicembru 2017.**

**Rikors Numru 226/2014 CSH**

**A.F. Ellis (Home Decor) Ltd. (C 38050)**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Qorti (Malta) u Raymond Azzopardi, Maria Theresa Azzopardi u Henry u Judith konjugi Azzopardi ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar is-7 ta' Lulju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi hija kienet l-attrici fil-kawza fl-ismijiet "A.F. Ellis (Home Decor) Ltd. Vs Raymond Azzopardi et.", Rikors Guramentat Numru 988/2008 JZM deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Mejju 2014 kontra l-istess socjeta' attrici.*

*Illi l-intimat Registratur irrilaxxa t-taxxa tad-drittijiet u spejjez u x'uhud mill-intimati l-ohra qed jirreklamaw il-hlas skond l-istess taxxa.*

*Illi s-socjeta' esponenti jidrilha illi dina t-taxxa hija esagerata u ghandha tigi riformata u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Fl-ewwel lok, peress illi rrizulta fil-kors tal-kawza illi l-ammont in disputa kien ta' €6,434.70 (a fol 129), id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali kellhom jahdmu ad valorem skond artiklu 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12. M'hux talli jidher illi l-intimat Registratur ma mexiex mal-imsemmija artikoli, talli in oltre intaxxa drittijiet addizjonali skond l-artiklu 15 tat-Tariffa E meta ma kienx il-kaz illi jaghmel hekk stante illi tali artiklu huwa applikabbli biss fil-kaz illi ma tistax issir tassazzjoni ad valorem. Dan gab ir-rizultat illi d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali huwa ferm esagerat meta wiehed jikkunsidra l-ammont in disputa u dana b'differenza mid-dritt tar-registru illi nhadem ad valorem u korrettement.*

2. *Illi fit-tieni lok, id-dritt tal-perit tekniku li gie mnizzel fit-taxxa msemmija ma hax in konsiderazzjoni d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Mejju 2012 illi rriformat tali taxxa u lanqas kellu jiddahhal l-element tal-V.A.T. stante illi din ser taghti lok ghall-imposizzjoni ta' taxxa fuq taxxa.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz, tali taxxa tal-perit tekniku hija esagerata u hemm lok illi tigi riformata ulterjorment kif ser jintwera fil-kors ta' dawn il-proceduri.*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, id-dritt tar-registru tal-konvenuti kellu jigi aggustat kif gie dak tal-esponenti sabiex jiehu in konsiderazzjoni l-ammont in disputa cioe' ta' €6,434.70 (a fol. 129). Assolutament ma jaghmilx sens illi d-dritt tar-registru tal-konvenuti gie ffissat fl-ammont ta' €409.97 mentri dak tal-esponenti gie ffissat fl-ammont ta' €361.05.*

5. *Illi inoltre r-rimbors dovut lill-esponenti ghad-dritt tar-registru ghandu jizdied bl-ammont ta' €159 kif ser jintwera fil-kors ta' dawn il-proceduri.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti, ghall-imsemmija ragunijiet u ghal ohra illi jistghu jitressqu fil-kors ta' dawn il-proceduri, bil-qima titlob ir-riforma tal-imsemmija taxxa."*

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li giet ipprezentata fl-4 ta' Awwissu 2014 fejn eccepixxa is-segwenti:

1. *"It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta inter alia ghar-ragunijiet segwenti:*

2. *Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' rikorrenti ghandha tesebixxi t-Taxxa Ufficcjali tad-Drittijiet, li minnha qed tilmenta, sabiex din il-Qorti u l-partijiet kollha jkunu jistghu jidentifikaw ahjar*

*l-ilment tar-rikorrenti. Illi l-esponenti ser jipprova jaghti dawn ir-ragunijiet b'opposizzjoni ghar-rikors odjern, fin-nuqqas tad-dokument imsemmi:*

3. *Illi kwantu ghall-ewwel ilment fir-rikors promotur fejn is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta mill-intaxxar tad-drittijiet tal-avukati fil-kawza fl-ismijiet "A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et", bil-qima jinghad illi f'dik il-kawza kien hemm erba' talbiet. Tliet talbiet gew intaxxati bhala punt ta' ligi jew ta' fatt (Art 15(a) tat-Tariffa E) u talba wahda nhadmet ad valorem skont l-artikolu 13 u 14 tal-imsemmija Tariffa. L-artikolu 15(a) tat-Tariffa jipprovdi illi "ghal kull dikjarazzjoni <u>ohra mehtiega</u> (enfazi mizjuda) li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt", u ghalhekk t-tliet talbiet li kienu mehtiega gew intaxxati kif inghad. Illi t-talba ad valorem giet intaxxata fuq il-minimu tal-kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Illi di piu gie anke ntaxxat digriet skont l-artikolu 26 li jipprovdi "ghal kull digriet f'kawza".*

4. *Fit-tieni ilment tas-socjeta' rikorrenti qed jinghad li fit-taxxa tal-perit tekniku ma giex imhares id-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju, 2012 fejn giet irriformata tali taxxa. Ghal din ir-raguni ma kellix issir kawza ta' ritassa, peress li dan kien zball amministrattiv li ma kienx ser ibiddel id-dritijiet tar-registru, tal-avukat u tal-prokuratur legali. Din setghet facilment tigi rrangata t-taxxa f'dan is-sens biex jigi rifless id-digriet tas-7 ta' Mejju, 2012. In ogni caso, il-kwistjoni tal-VAT fit-taxxa ma jaghtix lok, kif qed jinghad fir-*

*rikors promotur, ghal taxxa fuq taxxa peress illi fit-taxxa finali ma jittehidx VAT fuq l-ammont globali izda jista' jittiehed VAT fuq id-drittijiet tal-Avukat u l-Prokuratur Legali biss, allura d-dritt tal-Perit jibqa' dak li hu minghajr ma jerga' jizdied VAT fuqu.*

5. *Rigward it-tielet raguni dwar it-taxxa tal-perit tekniku, ir-rimedju biex tikkontesta tali taxxa mhijiex permezz ta' kawza ta' ritassa izda permezz tar-rimedju mahsub fl-artikolu 667 tal-kap. 12. Illi fi kwalunkwe kaz it-terminu ghal tali appell mit-taxxa skada u ghalhekk din ir-raguni ghandha tigi wkoll michuda.*

6. *Illi kwantu ghar-raba' u hames ragunijiet dawn ukoll ghandhom jigu michuda peress illi fir-rikors guramentat in kwistjoni, fl-ismijiet "***<u>A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et</u>***", kien hemm talba ghal likwidazzjoni tad-danni u allura l-valur ried jigi stabbilit fil-kors tal-kawza jew fid-decizjoni tal-kawza, kif fil-fatt sar, u d-dritt tar-registru mhallas mal-prezentata tar-rikors guramentat ikun dak ta' punt ta' ligi jigifieri ikun a standard fee ta' €582.34 b'zieda mieghu kun hemm il-hlas tal-ispejjez tal-prezentata u notifiki li f'dan il-kaz ammontaw kollha flimkien ghal €740.74 (€582.34 + €158.40). Il-konvenuti f'dik il-kawza, mal-prezentata tar-risposta guramentata taghhom, hallsu n-nofs tad-dritt tar-registru jigifieri nofs il-€582.34 li huwa €291.17 mizjud bl-ispejjez b'hekk l-ammont globali imhallas mill-konvenuti kien ta' €409.97 (€291.17 + €118.80). Id-Dritt tar-registru ta'*

*€361.05 li qed tindika s-socjeta' rikorrenti nhadem wara li gie stabbilit il-valur b'hekk hemm rimbors ta' € 221.29 peress illi l-attur biex fetah il-kawza kien hallas izzejjed. Ghaldaqstant l-€409.97 imhallsa mill-konvenuti jinkludi mieghu l-ispejjez tal-prezentata u mhumiex biss id-dritt tar-registru li fil-verita kien jammonta kif fuq inghad ghal €291.17.*

7. *Ghal dawn ir-ragunijiet kollha t-talba ghar-riforma tat-taxxa ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta ta' Henry u Judith konjugi Azzopardi li giet ipprezentata fit-3 ta' Ottubru 2014 fejn eccepew is-segwenti:

1. *"Preliminarjament, illi dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti "ratione materiae" li tisma' u tiddeciedi dan ir-Rikors ta' ritassa l-ghaliex taxxa ufficjali tal-kawza fl-ismijiet "A.F. Ellis (Home Decor) Limited –vs- Raymond Azzopardi et", Rikors Guramentat Numru 988/2008JZM, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Mejju 2014, tista' biss tigi attakkata quddiem l-istess Qorti Superjuri entro t-terminu stabbilit mill-ligi;*

2. *Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fl-imsemmija kawza gew intaxxati korrettement skond il-ligi.*

3. *Salv risposta ulterjuri."*

Rat illi fis-seduta tal-15 ta Luju 2015 ( fol. 34 ) l-intimat Henry Azopardi irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar l inkompetenza ta' din il-Qorti u ghalhekk ir-rikros tkompla ghaddej fir rigweard il-mertu.

Fit-13 ta' Jannar, 2016 xehed **Emanuel Sciriha Registratur tal-Qorti**. Huwa qal li din hija kawza ta' ritassa dwar taxxa li harget ghall-kawza gia deciza fl-ismijiet **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi e**t Rikors Numru 988/2008 JZM deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Mejju 2014. Qal illi f'dik il-kawza kien hemm erba' talbiet.

Fl-ewwel talba l-Qorti ntalbet tiddikjara li l-kejl tal-art izghar milli kif muri fil-pjanta, it-tieni talba kienet sabiex tiddikjara fejn is-socjeta' attrici kienet konsegwentement titlob tnaqqis fil-prezz tal-bejgh, it-tielet talba sabiex tikkomputa l-ammont li kellu jitnaqqas u r-raba' talba sabiex ikun hemm l-eventwali kundanna tal-hlas.

Is-Sur Sciriha qal illi l-ewwel, it-tieni u r-raba' talba gew intaxxati bhala punti ta' ligi waqt li t-tielet talba giet intaxxata *ad valorem* skont il-valur li jirrizulta mill-process a fol. 129, li kien l-ammont ta' sitt elef, erba' mija, erbgha u tletin Ewro u sebghin centezmu (€6,434.70). Kompla li t-taxxa nhadmet fuq il-minimum ta' kompetenza tal-Prim' Awla bhala valur, u dan skont l-Artikolu 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12. It-talbiet l-ohrajn gew intaxxati skont l-Artikolu 15A, bhala *point of law*.

In kontro-ezami s-Sur Sciriha qal illi din il-kawza li dwarha qed issir ritassa giet ipprezentata fil-Prim' Awla. Il-kompetenza tal-Prim' Awla tibda minn hdax-il elf u hames mitt Ewro (€11,500) 'il

fuq bhala valur. Il-Qorti mxiet skont il-pretensjoni tal-attur u una volta l-attur ghazel li jipprezenta l-kawza tieghu fil-Prim' Awla allura mxew fuq il-gurisdizzjoni tal-istess Prim' Awla, w stante li l-ammont likwidat kien inqas mill-valur li l-Qorti tista' tiehu konjizzjoni tieghu, imxew fuq il-minimu tal-istess Qorti.

Mistoqsi ghaliex ma ntaxxawx fuq l-ammont ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati stante li l-ammont gie likwidat filfatt u hija l-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati. Spjega li ntuzat dik il-procedura ghaliex kieku l-pretenzjoni tal-attur kienet inqas kien jipprezentaha hu stess quddiem il-Qorti tal-Magistrati w kien jaghmel dikjarazzjoni fir-rikors promotur tieghu stess, haga li m'ghamilx. Is-Sur Scieriha sostna li din hija l-procedura wzata. Mistoqsi x'kienet it-taxxa ghal kull dikjarazzjoni wiegeb illi dwar l-ewwel talba d-dritt tal-avukat gie ntaxxat mitejn Ewro (€200) dan ghaliex il-kawza kienet iddur fuqu. It-tieni talba giet intaxxata mitt Ewro (€100), filwaqt li r-raba' talba giet intaxxata hamsin Ewro (€50). Kien hemm sentenza in parte, li d-Deputat Registratur intaxxata hamsin Ewro (€50) mizerjament u d-digriet intaxxatu tnax-il Ewro (€12). Din it-taxxa tas-sentenza giet intaxxata separata.

Ix-xhud gie muri t-taxxa mmarkata bhala Dokument A u spjega illi t-taxxa tas-sentenza in parte giet inkluza fid-dritt tar-Registru u din hija l-prassi li dejjem tigi segwita. Meta ntwera d-dokument B (taxxa ta' Ghawdex) minn fejn jidher li effettivament is-sentenza ma tigix registrata fl-istess mod u fejn is-sentenza in parte tigi ntaxxata b'mod apparti. Ghalhekk iddikjara li hawn Malta tintuza procedura differenti. Zied li huwa minnu li f'dan il-kaz it-talbiet

attrici kienu konsegwenzjali w kien ghalhekk li tnaqqas l-ammont. Spjega li apparti mid-dritt tal-avukat ir-registratur jiffissa wkoll id-dritt tar-Registru. Ikkonferma li huwa minnu li fl-1 ta' Ottubru 2008 l-attur kien hallas is-somma ta' €740.74 li jirraprezentaw id-Dritt tar-Registru, il-prezentata u n-notifika. Huwa minnu wkoll li r-Registratur ta rimbors ta' €221.29. Spjega li dan sar ghaliex mis-€740.74 li l-attur kien hallas fil-bidu meta pprezenta l-kawza, l-ammont ta' €582.34 kienu jirraprezentaw id-Dritt tar-registru u nzammu wkoll l-ammont rapprezentanti n-notifiki u l-prezentata.

Meta r-registratur intaxxa l-penali l-Qorti mxiet fuq il-valur tal-kawza, waqt li fuq id-dritt tal-avukat ma jimxux fuq il-valur biss izda anki fuq kull punt ta' ligi li jigi deciz. L-intaxxar isir dejjem skont it-talbiet. Spjega li meta l-konvenuti jipprezentaw ir-risposta taghhom, ihallsu wkoll nofs id-Dritt tar-Registru. Mistoqsi ghaliex ma sarx aggustament dwar id-dritt tar-Registru li hallas il-konvenut, wiegeb li dan qatt ma jsir.

Rat in-nota spjegattiva tas-socjeta' attrici pprezentata fit-30 ta' Novembru, 2016 u n-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali li kienet prezentata nhar is-26 ta' April, 2017. Rat ukoll in-nota tal-intimati Henry u Judith Azzopardi li biha ghamlu referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tar-Registratur tal-Qorti u ddikjaraw li m'ghandhom xejn xi jzidu ma' dak hemm miktub.

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Ottubru, 2017 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza in difett d'ostakolo, b'dan illi f'kaz li Dr. Ellis ikun jixtieq iwiegeb ghan-nota ta' osservazzjonijiet tar-Registratur tal-

Qorti, dan ghandu jaghmlu sa mhux aktar tard mit-8 ta' Novembru, 2017 bil-visto tal-kontroparti.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti prezentata nhar it- 30 ta' Novembru 2016 u dik prezentata mill-intimat Registratur tal-Qorti nhar is-26 ta' April 2017 u rat in- nota tal-intimati Azzopardi prezentata nhar it-18 ta' Mejju 2017 fejn iddikjaraw li ma ghandhom xejn xi jzidu man- nota prezentata mir Registratur tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza ir-rikorrenti qed jitlob revizjoni tat-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghaliex fil-fehma tieghu l-intaxxar li sar fir rigward id-drittjiet tal-Avukati u tar-Registratur fil-kawza fl-ismijiet **A.F. Ellis (Home Décor) Ltd. vs Raymond Azzopardi et** huma skoretti. Dwar dan l-intimati ma jaqblux u dan ghar-ragunijiet moghtija minnhom fir -risposta taghhom.

Jinghad illi l-procedura ta' ritassa hija regolata permezz tal-**Artikolu 64 tal-Kap. 12**, fejn ir-rikors imsemmi ghandu jigi intavolat fi zmien xahar mill-gurnata li tkun inharget it-taxxa ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez u ghad-debitur mill-gurnata minn meta jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju.[1] Illi fil-kaz odjern jirrizulta li t-taxxa mertu ta' dan ir-rikors harget fis-6 ta' Gunju 2014 ( fol. 41) waqt li s-sentenza li fuqha giet mahduma t-taxxa inghatat nhar il-15 ta' Mejju 2014 u ghahekk it-talba ghar-ritassa saret fit-terminu previst mil-ligi.

[1] *Avv. Tonio Azzopardi vs Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ta` Malta, deciza nhar is-17 ta' Mejju 2013 (198/2010/GC) .*

Illi jidher li l-procedura giet rispettata da parti tar-rikorrent u fil-fatt dan il-punt mhux qed jigi kontestat.

Illi l-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza taghha moghtija nhar l-4 ta' Frar 1994, fl-ismijiet, '**Avv. Tonio Borg noe vs Agent Registratur tal-Qrati et'**, qalet li fl-intaxxar tal-kawzi, "*Ir-Registratur hu obbligat li jsegwi u jottempora ruhu mat-tariffa li tiddetermina dawn l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji, imma hu car ukoll li hu jezercita f'dan il-kuntest funzjoni kwazi gudizzjarja u f'dan is-sens id-decizjoni tieghu tista' biss tigi kkontestata kif ipprovdut fl-istess kodici bil-procedura tar-ritassa*."

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-26 ta' Marzu 2013 (289/05/LSO) fl-ismijiet '**Accent Clear Traders Co Ltd vs Reg. tal-Qrati et'**, irriteniet li huwa dmir tar-Registratur tal-Qorti, impost fuqu bil-Ligi, li jirregola ruhu sabiex jiddetermina l-ispejjez u d-drittijiet tad-diversi persuni involuti fi proceduri gudizzjarji, inkluzi l-ispejjez tar-registru. Dan id-dmir "*jipprexxindi minn kull kwistjoni li tista' tqum bejn il-kontendenti dwar il-bazi tal-mertu tal-kawza*." **(Artikolu 1004, Kap 12).**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta' Gunju 1963 fil-kawza fl-ismijiet '**Avv. Spiridione Camilleri et vs Avv. Edgar Buhagiar noe et'**, tenniet li "*It-tassazzjoni ghandha ssir skond in-natura tal-interess li l-parti jkollha fil-kawza*." F'dan il-kaz li kien jirrigwardja cens u divizjoni, il-Qorti iddecidiet li "l-interess guridiku tal-partijiet f'din il-kawza ma kienux tali li d-dritt tad-difensuri taghhom jigi ntaxxat '*ad valorem*'.

Ricentement fis-sentenza taghha tal-1 ta' Lulju 2013, ('**Frances sive Franca Camilleri vs Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta';** Rik. Gur. 1083/2012 JRM) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili stqarret li "*It-tassazzjoni 'ad valorem' hija bbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta` flus jew fondi, propjeta` jew jeddijiet marbutin ma` dan."* L-istess Qorti marret oltre u kienet cara u skjetta f'sentenza ohra taghha, ta' nhar it-12 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet '**HSBC Bank Malta plc vs Reg. tal-Qrati et'** (1555/01 JRM), fejn tenniet li "*kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni generalment issir a bazi ta' dikjarazzjoni.*"

Il-Qorti tghid ukoll "*Illi t-Tariffa li tigwida l-likwidazzjoni ta` dritt dovut lill-avukat f'kawza li fiha tkun inghatat decizjoni dwar punt ta` dritt jew ta` fatt tghid li dik id-decizjoni tigi intaxxata 'ad volerem' jekk kemm-il darba jkollha x`taqsam ma` valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process,*" ghalhekk, wiehed ma ghandux jieqaf biss mal-att promotur sabiex jara l-valur tat-talbiet, izda ghandu jara wkoll il-valur li t-talbiet inghataw tramite l-provi mressqa jew taghrif fil-process.[2] F'dan il-kaz il-Qorti tenniet li decizjoni dwar validita` o meno ta` att gudizzjarju ghandha tigi intaxxata fuq punt ta` dritt u mhux '*ad volerem*'. Dan gie ritenut ukoll fil-kawza '**Ronald Gaerty vs Registratur tal-Qorti et',** (772/2005 LSO), deciza fis-26 ta' Marzu 2013.

[2] *Rik. Gur. 1083/2012/JRM – deciz 01 ta' Lulju 2013.*

"*It-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija mharsa mill-principju li wiehed ihares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali principju mhux wiehed inflessibbli ghaliex huwa kwalifikat bil-principju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawza jissejjah "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wiehed jista' jsib xi jkunu tassew il-valur tal-kontestazzjoni.*[3]

F'dak il-kaz, il-vertenza li giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell kienet tirrigwarda strettament erba' talbiet ta' dritt, ossia dikjarazzjoni li l-kejl tal-art hija izghar minn kif murija fil-pjanta, talba fejn is-socjeta' attrici kienet qed titlob tnaqqis fil-prezz tal-bejgh, it-tielet talba kienet tikkonsisti li l-Qorti tikkumputa l-ammont li kellu jitnaqqas u r-raba' sabiex ikun hemm l-eventwali kundanna tal-hlas. Ma kinitx tirrigwarda passagg jew trasferimenti ta' flus, fondi jew proprjeta' jew jeddijiet marbutin mal-istess. Tant li l-kawza kompliet tinstema' quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza fuq il-mertu li kien *da liquidarsi*.

Il-kuntrast bejn il-partijiet fil-kawza kien limitat ghall-punt ta' dritt u ma jistax jinghad li, f'dak l-istadju, il-*massa litigioso,* jew il-qofol tal-kwistjoni, kien jirrigwarda trasferiment ta' dritt fuq il-propjeta', izda biss azzjoni li biha r-rikorrenti fir-rikors promotur taghha kienu qed jitolbu id-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tillikwida

---

[3] *Ronald Gaerty vs Registratur tal-Qorti et (772/2005 LSO) deciza - 26 ta' Marzu 2013.*

somma flus u in segwitu' tordna l-kundanna tal-istess lill-intimati Azzopardi.

Il-kawza fl-ismijiet '**Cygnet Limited vs Supplies Limited'** (Citaz. Nru 624/02) kellha skop ossia domanda specifika, cioe' li s-socjeta' konvenuta tigi zgumbrata ghax naqset li tonora obbligu kontrattwali cioe' l-hlas annwali fil-hin dovut mis-socjeta' konvenuta ghall-gestjoni li kellha tal-fond propjeta' tas-socjeta' attrici. L-oggett tat-talba kien wiehed car u cioe' l-izgumbrament tas-socjeta' attrici mill-fond. Din kienet domanda mhux marbuta ma' valur ta' immobbli. Infatti l-kwistjoni pekunjarja ma kellha ebda relevanza fil-kwistjoni salv li n-nuqqas ta' hlas tal-*annual fee payment* fil-hin stipulat fil-kuntratt bejn il-partijiet, fil-fatt wassal ghat-telf ta' drittijiet li s-socjeta' konvenuta kienet tgawdi fuq il-fond lilha koncess tal-avvjament tan-negozju.

Il-kawza odjerna mhix kawza fejn it-talba (cioe' l-izgumbrament) kienet subordinata ghal xi valur jew xi hlas fl-istess mertu tal-kawza. Il-valur tal-proprjeta' ma kien ta' ebda relevanza hlief kif qalet is-sentenza fl-ismijiet '**Salvino Ellul Bonici vs Dottor Edgar Buhagiar noe'** (deciza 30 ta' Jannar, 1959) *"li l-azzjoni tkun ristretta ghal interess izghar minn dak li fuqu d-decizjoni tkun tinfluwixxi"*.

Illi f'din il-kawza xehed Emmanuel Sciriha, Registatur tal-Qrati Civili u Tribunali u spjega kif effettivament inhadmet it-taxxa. Spjega illi l-kawza kienet giet originarjament prezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn dak iz-zmien il-kompetenza taghha kienet wahda li titratta ma' kawzi fejn l-ammont ta' flus kien jeccedi is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin

Ewro u sebgha u tmenin centezmu. Ghalhekk huma mxew skond ix-xelta tar-rikorrenti li pprezenta l-att quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, minkejja li l-valur li l-Qorti Prim’ Awla llikwidat kien inqas minn dik is-somma li taqa’ fil-kompetenza. Ghalhekk it-taxxa giet mahduma skond it-talba u skond l-oggett taghha.

Il-Qorti ezaminat l-ammonti li gew moghtija mir- Registratur ghal kull talba, ghas-sentenza li nghatat in parte u ghar-rikorsi li gew prezentati fl-atti tal-kawza, u thoss li huma gusti. Skond ir-Registratur, meta hadmu t-taxxi, huma imxew fuq il-minimu, ghalhekk ma mxewx fuq l-ammont li in effetti gie likwidat u dan ghaliex ir-rikorrenti ppretendew li jircievu almenu il-minimu li seta’ jigi likwidat mill-Prim Awla. Dan qalu ghaliex kieku l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet inqas, kienet tipprezenta r- rikors promotur taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati u mhux quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili.

Dwar it-tieni talba tar-rikorrenti u cioe’ li d-dritt tal-perit tekniku li gie mnizzel fit-taxxa esebita ma hax in konsiderazzjoni d-digriet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta’ Mejju 2012 fejn it-taxxa giet riformata fejn lanqas kellu jiddahhal l-element tal-VAT u li hija ukoll esagerata. Jinghad illi ma kellhiex ghalfejn issir kawza ta’ ritassa kif tajjeb osserva r-Registratur tal-Qorti fin nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, peress li dan kien biss zball amministrattiv fejn kellu jkun hemm korrezzjoni sabiex ikun rifless id-digriet tas-7 ta’ Mejju 2012. Ir-rimedju kellu jkun dak previst fl-Artikolu 667 tal-Kap, 12 pero’ jigi rilevat li t-terminu moghti fil-ligi ghal tali azzjoni illum skada wkoll.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati.**

**Bl-ispejjez kollha tal-prezenti procedura a karigu tas-socjeta' rikorrenti.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**